MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 175/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**KONTRA**

**MASSIMO GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Massimo Grixti ta’ 20 sena, bin Anthony u Josephine nee’ Oliva, mwieled Pieta’ nhar it- 23 ta’ Settembru 1989, residenti 63, Flat 18, Triq il- Punent, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 478189(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 24 ta’ Frar 2010, ghall habta tal- 11.30am gewwa l-fond 60, Flat 6, Triq l- Isptar, Valletta;

1) bl- imgieba tieghu, ikkaguna lil ommu, Josephine Grixti, biza li ser tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l- imgieba tieghu se tikkaguna lil Josephine Grixti hekk tibza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

2) gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil Josephine Grixti u/ jew b’ mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal l- istess Josephine Grixti;

3) ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq ommu Josephine Grixti;

4) hebb ghall- imsemmija Josephine Grixti sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

5) ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’ mod li hareg mil- limiti tal-provokazzjoni;

6) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara ghad- dannu ta’ Josephine Grixti;

7) qal kliem fil- pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’ xi mod iehor li mhux provdut fil- Kodici Kriminali, offenda l- morali, l- imgieba xierqa jew id- decenza pubblika;

8) volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku, b’ ghajjat u bil- glied;

9) ma obdix l- ordnijiet leggittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixkel waqt li kien jaghmel id- dmirijiet tieghu, jew b’ xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex

lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il- Ligi, jew b’ xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id- dizubbidjenza jew dak l- indhil ma jkunx jaqa’ taht dispozizzjonijiet ohra ta’ dan il- Kodici jew ta’ Ligi ohra;

10) akkuzat ukoll talli nhar it- 22 ta’ Frar 2010 ghall habta tal- 11.00am gewwa l- bini tal- Qorti, Valletta, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il- persuna ta’ wiehed inkarigat skond il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PS 697 Nigel Apap, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz hu wiehed ta’ vjolenza domestika, precizament ta’ vjolenza ta’ iben fuq ommu. Jirrisulta mir-rapport tal-Pulizija, esebit fl-atti, li nhar l-24 ta’ Frar 2010, omm l-imputat, Josephine Grixti, irrapportat li Massimo kien aggrediha fid-dar u kien kisser xi affarjiet bir-rabja. Il-Pulizija marret biex tiehu l-verzjoni tieghu, izda hu harab meta rahom gejjin ghalih. Wara li nqabad mill-Pulizija, gie arrestat u ttiehdetlu stqarrija. Peress illi l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, din il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-Qorti qieset sew ic-cirkostanzi

tal-kaz, u minhabba l-addebitu tar-recidiva, m’ghadhiex triq ohra hlief li taghti piena ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 251(B) (1), 251 A (1) (a) (b), 221 (1), 339 (1) (d), 339 (e), 325 (c), 338 (bb), 338 (dd), 338 (ee) u 95 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------